MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2007

Numru 693/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Gatt**
**V**

**IGNATIUS JOSEPH FENECH**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **IGNATIUS JOSEPH FENECH** ta' dsatax il-sena bin Carmelo u Antonia nee Debattista, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 1986 u residenti 182, Triq Sant'Elena, Sliema kif wkoll fil-fond 'Farmhouse', Triq t-Tonn, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 219186M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ewwel ta' Gunju 2003 ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar fil-Gzira:

1. Ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DAA 602 ghad-dannu ta' Francis Grixti sive Francis Montanaro, liema

serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. talli fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2003, u fil-gimghat ta' qabel din d-data f'dawn il-Gzejjer wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghom jew imexxihom ghad-dannu ta' Francis Grixti sive Francis Montanaro;

3. talli fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2003, u fil-gimghat ta' qabel din d-data f'dawn il-Gzejjer wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DAA 602 u kull ma kein fiha, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Francis Grixti sive Francis Montanaro, liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt lira maltin;

4. talli fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2003 u fil-gimghat qabel din d-data, f'dawn il-Gzejjer rrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Carol Peralta fid-disgha ta' Lulju 2001 u fil-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 2001;

5. talli fis-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2003 u fil-gimghat qabel din d-data, kiser il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija fil-hamsa ta' April 2002 per Magistrat Dottor Saviour Demicoli.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hmistax ta' Novembru 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali [fol 212].

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta [fol 213].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Rat wkoll s-sentenzi esibiti fil-konfront tal-imputat odjern u cioe dik moghtija nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Marzu 2001 esibita a fol 206 u dik moghtija nhar d-disgha ta’ Lulju 2001 esibita a fol 209, kif wkoll l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano nhar t-tlettax ta’ Frar 2004 esibit a fol 13 et seq tal-atti, liema esperti gew konfermati minn din il-Qorti kif preseduta nhar d-dsatax ta’ Awissu 2005 [fol 8].

Semghet lid-difiza tivverbalizza fis-seduta tat-tmintax ta’ Ottubru 2006 li kienet qed tezenta lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda biex jikkonfermaw s-sentenzi esibiti fil-konfront tal-imputat [fol 205].

Rat n-nota ta’ sosttomissjoni presentata mid-difiza nhar t-tletin ta’ Lulju 2007 [fol 224].

Ikkunsidrat:

Illi nhar id-dsatax ta’ Awissu 2005 **xehed L-Ispettur Stephen Gatt** [fol 119] fejn ikkonferma r-rapport li kien ghamel lil Magistrat tal-ghassa Dottor Lawrence Quintano nhar l-ghoxrin ta’ Jannar 2004, liema rapport jinsab inserit fl-atti tal-inkjesta esibita. Hu kkonferma l-firma tieghu fuq l-istess rapport kif wkoll l-kontenut tieghu.

F’dan r-rapport l-Ispettur Stephen Gatt kien informa lil Magistrat tal-ghassa li l-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni DAA 602 li kienet insterqet minn Rue D’Argens, il-Gzira nhar l-ewwel ta’ Gunju 2003 kienet nstabet abbandunata fil-limiti ta’ Hal Qormi kompletament zarmata.

Illi l-pulizija ghamlet indagini preliminari w irrizulta li l-vettura kellha diversi hsarat u fil-fatt sidha Francis Grixti gharaf il-vettura bhala tieghu meta kienet f'idejn il-pulizija.

Aktar tard il-pulizija sabet il-magna tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAA 602 fuq vettura ohra tal-istess ghamla Peugeot numru ta' registrazzjoni CAC 505. Illi fuq dan r-rapport il-Magistrat tal-ghassa fetah inkjesta u l-istess Magistrat tal-ghassa nnomina diversi esperti sabiex jassistuh.
Illi nhar id-dsatax ta' Awissu 2005 **xehed PS 659 Jeffrey Hughes** [fol 117] fejn qal hu kien gie nominat bhala scene of the crime officer fl-inkjesta mizmuma mill-Magistrat Inkwerenti Dottor Lawrence Quintano dwar allegat serq ta' vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DAA 602 misruqa fi Triq San Martin San Pawl il-Bahar u dan nhar is-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2003. Meta gie muri r-relazzjoni esebita fl-atti ta' l-inkjesta, mmarkata bhala dokument FSL, ix-xhud qal li r-relazzjoni tieghu titratta dwar serq ta' zewg vetturi, wahda minnhom Peugeot 405, bin-numru tar-registrazzjoni DAA 602 u l-ohra tikkoncerna vettura ta' l-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni CAT 508.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2006 **xehed Joseph Zammit** [fol 173] fejn qal li hu kien gie nominat b'digriet tal-Magistrat nkwerenti Dottor Lawrence Quintano u dan fl-atti ta' l-inkjesta dwar serq ta' karozza tal-marka Peugeot 405 bin-registration number DAA 602 li kienet instabet abbandunata u zarmata minn bosta partijiet, bi tbaghbis u sgassata fi Triq San Martin, limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar is-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2003. Ix-xhud esibixxa r-relazzjoni tieghu li tinsab a fol 27 et seq tal-process. Ix-xhud ikkonferma l-kontenut taghha.

Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li l-vettura li nstabet zarmata minn diversi partijiet nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2003 gewwa Triq San Martin, limiti ta' San Pawl l-Bahar, hija l-istess vettura tal-marka Peugeot ta' mudell 405 ta' kulur griz *metallic*. Din ma kelliex pjanci fuqha izda c-*chassis number* taghha huwa 315BD9270418481C

u din giet identifikata minn Francis Montanaro li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni DAA 602.

Illi fil-fatt din hi l-istess vettura li kien irrapporta nieqsa Francis Montanaro nhar l-ewwel ta’ Gunju 2003, minn Rue D’Argens, Gzira. Qal li din il-vettura kellha diversi hsarat minhabba l-isgass li sar fuqha. Ikkonferma li l-magna tal-Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni DAA 602 li nstabet zaramata fuq il-vettura Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni CAC 508 hija proprjeta ta’ Antoine Fenech u fil-fatt din il-vettura misruqa giet zarmata minn Nazju Fenech l-imputat odjern gewwa garaxx fi Triq t-Tonn, San Pawl il-Bahar, li huwa bin l-istess sid tal-Peugeot, Antoine Fenech.

Illi dwar il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAA 602, l-espert Joseph Zammit jghid li sabha mbaghbsa u li din infethet permezz ta’ sgass u kien b’tali sgass li l-vettura nfethet u giet misruqa. Huwa jistma l-valur tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAA 602, proprjeta ta’ Francis Montanaro qabel ma garrbet is-serq u zarmar imsemmi fl-ammont ta’ tlett elef lira maltin u qal li dak li kien baqa minnha dakinhar tal-access hu stmat fl-ammont ta’ mija u hamsin lira maltin.

Illi nhar l-hmistax ta’ Mejju 2006 **rega’ xehed PC 1369 Joseph Camilleri** w esibixxa l-okkorrenza relatata mas-serq ta’ vettura li kien sar minn Francis Chistie, li giet mmarkata bhala dokument PS 1.

Illi nhar d-dsatax ta’ Awissu 2005 **xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** [fol 124] fejn mistoqsi jekk l-imputat kellux xi konnessjoni mal-kwerelant Jerry Rapinett, wiegeb li lilu rrizultalu li Jerry Rapinett kien ghamel xi zmien johrog ma oht l-imputat pero r-relazzjoni ta’ bejniethom kienet spiccat ftit gimghat jew xhur qabel ma sehh r-rapport.

Illi nhar d-dsatax ta’ Awissu 2005 **xehed PC 1369 Joseph Camilleri** [fol 126] fejn qal li jiftakar li f’ Gunju 2003, kien ghassa fl-ghassa tal-pulizija ta’ Ta’ Sliema u kien mar jaghmel rapport certu Francis Grixti li kienu serqulu l-

vettura tieghu ta' l-ghamla Peugeot 405, bin-numru tar-registrazzjoni DAA 602 u dan waqt li kienet pparkjata f'Rue D'Argens. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza relattiva f'dan ir-rapport, liema okkorrenza giet immarkata mill-Qorti bhala dokument CSH.

Illi **l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri izda xehed fl-atti tal-inkjesta**.
L-imputat beda billi qal li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAC 508 hija proprjeta ta' ommu pero ommu ma ssuqhiex, u fil-fatt il-vettura issuqha ohtu Francesca u huwa jiehu hsieb t-tindif taghha. Jghid li l-ahhar darba li kien ra l-vettura kien xi hmistax il-jum qabel meta saqitha ohtu ghax kellha l-karozza taghha bil-hsara. Ftit wara, jirrizulta mill-atti, l-imputat talab li jissospendi x-xhieda tieghu biex jghid il-verita.

Qal li kien iltaqa ma bniedem f'Paceville pero mistoqsi min kien dan il-bniedem, jghid li jafu minn wiccu biss, u talbu jekk kellux magna tal-Peugeot 405 diesel ghal bejgh u dan irrispondih li kellu karozza shiha li kien ser jiskrapjha mill-Insurance u xtaq mitejn lira maltin taghha u fil-pront qallu li xtaqha. Dan il-fatt wassalilu fil-garaxx tieghu f'San Pawl il-Bahar.

Huwa zarma l-magna taghha u flimkien mal-vettura ta' ommu hadha Hal Safi ghand mekanik sabiex iwahhallu l-magna gdida fuq il-vettura. Dan fil-fatt ghamel hekk u tahielu wara gimgha. Jghid li huwa qabad t-tabella tal-*engine number* tal-magna originali li kellha ommu u poggieha fuq il-magna li akkwista.

Ikkonferma li l-vettura huwa xtraha b'mod regolari fis-sens li kienet tahdem u li gieb maghha c-cwievet, n-*number plates* u l-*log book* taghha. Wara li hadilha l-magna jghid li ohtu saqet il-karozza ta' ommu w irmonkat lilu bil-vettura li kien xtara li sa dak l-hin ma kelliex magna u harigha 'l barra mill-garaxx tieghu.

Qal wkoll pero li l-vettura li xtara kellha l-*quarter window* ta' wara tax-xellug u tal-lemin miksura. Jghid li huwa kien wahdu meta zarma l-karozza pero meta harigha barra

mill-garaxx kellu l-ghajnuna ta' ohtu Francesca u ta' certu Jeremy Rapinett.

Qal wkoll li huwa kien tefa' l-*bonnet* tal-vettura li xtara l-bahar meta Jeremy Rapinett cempillu u qallu li l-pulizija kienu qabduh fuq il-vettura li kien abbanduna fi Triq San Martin f'Ghajn Tuffieha.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2005 **xehed Francis Grixti sive Montanaro** [fol 121] fejn qal li hu ghandu vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAA 602 li kien xtara *second hand* minghand l-"Autobahn" li jinsab gewwa Haz Zebbug, xi sebgha snin qabel jekk mhux iktar u dan ghall-prezz ta' tlett elef u hames mitt lira maltin. Qal li hu kien qed jaghmel referenza ghal vettura ta' l-ghamla Peugeot 405. Qal li kien inxjurja din il-vettura bhala *comprehensive*. Spjega li xi zmien qabel kien pparkja il-vettura tieghu gewwa Rue D'Argens vicin hafna fejn kien hemm l-*istadium* u kien halliha hemm hekk imsakkra u ghal habta tal-erbgha tal-istess jum kien induna li l-karozza tieghu ma kienitx ghadha hemm hekk.

Qal li sakemm kienet ghadha hemm hekk, hu kien ser johrog mat-tifel tieghu u minn fuq is-*seat* tal-karozza ta' wara ra hafna rgiel u osserva li l-*quarter window* fuq in-naha ta' wara mhux fuq in-naha tax-xufier, kienet miksura.

Meta ra hekk, zied jghid x-xhud, cempel l-ghassa ta' l-Imsida li qalulu biex icempel l-ghassa ta' Ta' Sliema u l-pulizija talbuh jiehu l-karozza hemm hekk biex jarawha u meta hareg minn daru biex jiehu l-karozza ghand l-pulizija, kif gie ordnat li jaghmel, l-karozza tieghu ma kinitx hemm hekk u baqa ccassat.  Qal li rega' dahal gewwa u qalilhom b'dak li kien sehh u mar l-ghassa bil-mixi.  Qal li fil-karozza kellu *radio casette*.  Qal li kien nefqilha erbgha mitt lira *service* ftit qabel u sussegwentement il-pulizija kienu baghtu ghalih u staqsewh jekk jistax jgharaf il-karozza tieghu.

Zied jghid li kien mar u ra l-karozza tieghu pero ma kellhiex l-istess roti li kellu fuqha qabel w l-*bonnet* ukoll ma kienx tieghu.  Il-karozza fil-fatt instabet kollha miksura.

Il-*wires* ta’ madawar il-karozza u *radiator* u affarijiet ohrajn ma kienux hemmhekk u ir-*radio* ma kienx qieghed hemm hekk. Fil-fatt meta nzamm access mill-espert nominat mill-Qorti, zied jghid x-xhud, hu kien identifika li l-*bonnet* tal-vettura ma kienitx tieghu, gie identifikat bhala *bonnet* ta’ haddiehor.

Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li taha quddiem l-espert tekniku Joseph Zammit, liema xhieda tinsab inserita fl-atti. Qal li sussegwentement kienu regghu baghtu ghalih l-pulizija u qalulu li kienu sabu l-magna tieghu fuq din l-istess vettura. Qal li hu ma setghax jiddentifikaha pero l-*mechanic* tieghu kien f’posizzjoni li jiddentifikaha u fil-fatt kien qallu li kellu partijiet minnha kienu ghadhom godda, kien ghadu ma biddilthomx u sahansitra anke d-*dipstick* kellu xi zejt fuqu. Fil-fatt meta fethu u raw il-magna, hu werieh d-*dipstick* biz-zejt. Il-*parts* kollha godda kienu ghadhom hemm hekk bir-*radiator* inkluz. Apparti l-valur tal-karozza u s-*service* li kien ghamlilha, zied jghid x-xhud, kien hemm affarijiet ohrajn neqsin. Qal wkoll li fil-bagoll kien hemm affarijiet tal-bahar fosthom anke *harpoon* u *car-seat* tat-tifel iz-zghir. Qal li fil-fatt hu kien taha stima lill-pulizija dwar il-valur ta’ l-affarijiet li gew misruqa lilu li kienu jeccedu it-tlett mitt lira maltin.

**Antonia Fenech xehdet fl-atti tal-inkjesta** nhar l-hamsa ta’ Lulju 2003, fejn ikkonfermat li l-vettura Peugeot 405 numru ta’ registrazzjoni CAC 508 hija registrata f’isimha u hija proprjeta taghha. Qalet li hi ma ssuqiex izda isuquha wkoll uliedha Francesca u Marica pero qed thallasha f’pagamenti mensili ta’ tlieta w sittin lira maltin. Qalet wkoll li aktar fuq il-karozza ma rieditx tghid.

**Francesca Fenech** ikkonfermat dak li qalet ommha pero ziedet tghid li huha l-imputat juza l-vettura wkoll. Mistoqsija jekk kienx minnu li ghenet lil huha tirmonka l-vettura ta’ kulur griz *metallic* lejn Triq San Martin f’Ghajn Tuffieha wara li kien zarmaha f’garaxx San Pawl il-Bahar, hija cahdet li fil-fatt ghenet lil huha.

**Jeremy Rapinett** jghid li l-vettura Peugeot li kienet abbandunata fi Triq San Martin, f’Ghajn Tuffieha kien ra

fil-garaxx t'omm l-ex tfajla tieghu Francesca Fenech fi Triq San Paul il-Bahar. Jghid ex admissis "*Rajtha darbtejn hemm. Darba rajtha bil-quarter windows imkisser tal-left ta' wara u jumejn wara ergajt rajtha gol-istess garaxx zarmata.*"

Aktar tard jghid wkoll ex admissis "*Nippreciza li meta rajt il-Peugeot zarmat fil-garaxx li z-zarmar sar fil-garaxx inkluza l-magna*."

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-imputat jirrizulta li kien hu stess li zarma l-vettura li nstabet abbandunata fi Triq San Martin. Il-kwistjoni ta' zarmar hija konfermata mix-xhieda ta' oht l-imputat, Francesca ghax jirrizulta li qalet li z-zarmar sar minn huha flimkien ma zewg persuni ohra u dan fil-garaxx tieghu f'San Pawl il-Bahar.

Illi fix-xhieda tieghu l-imputat ma jaghtix dettalji sodisfacenti ta' kif din il-vettura giet fil-pussess tieghu, ghalkemm huwa jghid li din xtraha bil-prezz ta' mitejn lira sabiex minnha jiehu l-magna w ipoggiha fuq il-karozza tal-istess ghamla ta' ommu.

Illi l-imputat fix-xhieda tieghu jghid li kien hu li qala l-*engine number plate* tal-magna li kellha l-karozza ta' ommu u wahhalha fuq il-magna tal-karozza assikurata.

Illi minn dak li jirrizulta mill-access mizmum mill-espert jidher car li l-Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DAA 602 li nstabet sgassata w imbaghbsa jindika li din infethet permezz ta' sgass fuq il-bieba ta' wara u sabiex insterqet mill-post minn fejn insterqet, minn Rue D'Argens, l-Gzira, giet wkoll sgassata w imbaghbsa s-sistema tal-*isteering lock* u l-*ignition switch* taghha.

Illi zgur ghalhekk mhux kredibbli l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat meta jghid li xtara din il-vettura minghand persuna mhux maghrufa minnu li gabitlu l-vettura fil-garaxx tieghu u dan anke meta qal li l-persuna li

gabitlu l-vettura, gabitilu tard filghaxija u bic-cavetta fil-post.

In oltre, skond dak li rrileva l-espert, il-kondizzjoni tal-Peugoet bin-numru ta' registrazzjoni DAA 602 kienet wahda tajba hafna u zgur li kienet tiswa aktar minn mitejn lira maltin li l-imputat qal li hallas ghaliha.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, hi taqbel perfettament ma dak li kkonferma l-perit tekniku u li x-xhieda tal-imputat ma hija kredibbli xejn.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi principalment l-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni skond l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe li b'mod xjenti, b'risoluzzjoni wahda, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, [vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAA 602 u diversi oggetti li kien hemm fiha], ghad-dannu ta' Francis Grixti.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Mejju 1937** fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Filippa Fenech***, sabiex jista jinghad li l-akkuza giet ippruvata, hemm bzonn li jirrizultaw sodisfacentement s-segwenti rekwiziti:

1. li l-oggett li jkun imsemmi fil-kaz ikun gej minn kummissjoni ta' reat;

2. li l-akkuzat ikun jew irricetta jew xtara dak l-oggetti [in kwantu ghal provenjenza tal-oggett li huwa d-dolo specifiku tad-delitt ta' ricettazzjoni; dan jista jigi denunzjat mic-cirkostanzi kollha tal-kaz];

3. li l-imputat kien jaf li l-oggetti kien ta' provenjenza llegittima.

Illi dwar l-element materjali tar-reat u cioe t-tielet element fuq imsemmi, hemm bzonn, skond kif inghad fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin***

***ta' Jannar 1941*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Bugelli:**

*"Il-prezunt ricettatur ikun ghamel xi haga li biha b'xi mod ikun ikkopera ruhu biex jig trasferit jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz ta' reat. Jekk l-atti tieghu ma jurix li kien hem dik l-intromissjoni da parti tieghu biex b'xi mod jigi facilitat l-okkultament bl-oggett misruq jew illegittimament ottenut, dan l-element ma jirrikorix u ma hemmx ricettazzjoni."*

Il-Qrati taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Dicembru 1943*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Giuseppa Attard** fejn inghad li:

*"Il-pussess tal-oggett huwa ndizzju tar-reat ta' serq meta dak il-pussess ma jigix spjegat u meta c-cirkostanzi huma tali li fost z-zewg possibilitajiet ta' ricettazzjoni jew ta' serq jittiehdu ghal din tal-ahhar."*

Issa meta l-persuna li tircievi oggett, ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna l-ohra kien legittimu u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-element tax-*scientia* rikjest ghal interpretazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni [vide **Il-Pulizija v John Dimech** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 1961***].

Illi minn dan kollu jirrizulta bla dubbju ta' xejn, li l-imputat messu kien jaf li l-vettura li xtara ma kienetx tiswa biss mitejn lira maltin, izda hafna aktar u l-fatt li giet ghandu bil-*quarter window* miksura, kienet wkoll indikazzjoni tal-provenjenza llegittima taghha, l-imputat m'ghamel xejn sabiex jindaga ulterjorment dwarha. Ma jghid xejn min ghand min xtraha, kif ftiehem biex tasal ghandu, u kif iltaqa mal-allegat kompratur.

L-imputat lanqas ghazel li jixhed biex jipprova jiccara dak li qal fl-atti tal-inkjesta, ghalkemm ma kienx obbligat li jixhed.

Illi ghalhekk il-Qorti trid taghmel apprezzament tal-fatti biss kif gew imressqa mill-istess prosekuzzjoni, u mhux kontestati jew michuda mid-difiza.

Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat hati ta' ricettazzjoni tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAA 602 u l-oggetti kollha li kien hemm fiha ghad-dannu ta' Francis Grixti.

Illi dwar r-reat ta' serq, il-Qorti rat dak li ssottomettiet d-difiza fin-nota taghha u takkolja r-ragjonaemnt hemm imsemmi u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza ta' serq.
Rat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 4 et seq tal-atti odjerni minn fejn jirrizulta li l-imputat, li llum ghandu wiehed w ghoxrin sena, diga nstab hati fi tmien okkazzjonijiet ohra fuq reati principalment konnessi ma ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku, meta nghata kundanna ta' multa, probation, prigunerija sospiza u prigunerija, oltre diversi skwalifiki tal-licenzja tas-sewqan u dan nonostante, ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu u ma tghallimx juzufruwixxi ruhu mill-opportunitajiet moghtija lilu.

Ghalhekk wasal iz-zmien li din il-Qorti tuza l-id iebsa mieghu sabiex forsi jibda jzomm ruhu 'l boghod mill-hajja kriminali darba ghal dejjem.

Il-Qorti **ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(b)(c),(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 279(b), 280, 281, 334, 18, 325(a), 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9, u l-artikoli 7, 11 u 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat IGNATIUS JOSEPH FENECH hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, salv u b'eccezzjoni tal-akkuza ta' serq mill-liema akkuza qed tilliberah, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar effettivi ghal akkuzi li taghhom sabitu hati.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat ihallas l-ispejjes inkorsi mal-**

**hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat ihallas l-ispejjes involuti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe Joseph Zammit, PC 186 Christian Mintoff u PS 659 Jeffrey Hughes u dan fl-ammont ta' mitejn tnejn u sittin lira maltin u sitta w disghin centezmu [LM262.96] u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum u fin-nuqqas din is-somma tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri maltin dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------